



7.10.2013

0015/2013

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-perikli tan-nazzjonaliżmu, l-anti-Semitiżmu u forom oħra ta' intolleranza etnika min-naħa tal-movimenti li jopponu l-proġett Ewropew

Boris Zala (S&D), Elmar Brok (PPE), Rebecca Harms (Verts/ALE), Lena Kolarska-Bobińska (PPE), Eduard Kukan (PPE), Olga Sehnalová (S&D), Marek Siwiec (S&D), Hannu Takkula (ALDE), Indrek Tarand (Verts/ALE), Graham Watson (ALDE), Cecilia Wikström (ALDE)

Data ta' skadenza: 7.1.2014

0015/2013

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-perikli tan-nazzjonaliżmu, l-anti-Semitiżmu u forom oħra ta' intolleranza etnika min-naħa tal-movimenti li jopponu l-proġett Ewropew¹

1. Id-dipressjoni ekonomika attwali amplifikat in-nazzjonaliżmu, l-anti-Semitiżmu u forom oħra ta' mibegħda etnika, espressa, fost l-oħrajn, permezz tal-oppożizzjoni tal-proġett Ewropew;
2. Avvenimenti fl-Ewropa fl-aħħar seklu huma tfakkira b'saħħitha tal-konsegwenzi fatali ta' kull nuqqas li jiġu miġġielda l-intolleranza u l-mibegħda;
3. Il-forom kollha ta' diskriminazzjoni etnika, bħal pereżempju l-anti-Semitiżmu aggressiv u deplorevoli tal-partit Jobbik fil-Parlament Ungeriż, għandhom jiġu kkundannati; It-talba tal-partit Jobbik għal-lista ta' membri Lhudin tal-gvern u l-parlament hija simili għar-retorika u l-prattiki tan-Nazizmu;
4. Jeħtieġ li jiġu reżistiti tentattivi biex iqanqlu n-nazzjonaliżmu primittiv maħsub biex ireġġa' lura l-proċess tal-integrazzjoni tal-UE u jdgħajjef l-ordni Ewropew ta' wara l-gwerra; L-integrazzjoni Ewropea kienet u tibqa' ċentrali għall-ġlieda kontra l-intolleranza teknika;
5. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Kunsill qed jiġu mistiedna biex b'mod attiv jirreżistu l-mewġa ġdida ta' intolleranza li timmanifesta ruħha f'attitudnijiet anti-Semitiċi, nazzjonalisti u anti-UE;
6. Il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna wkoll tipprovdi informazzjoni estensiva dwar il-miżuri li ttieħdu wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Marzu 2013 dwar it-tisħiħ tal-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u r-reati ta' mibegħda;
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, hija mibgħuta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun ffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, madankollu mingħajr ma torbot lill-Parlament.